**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 492/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paul Spagnol**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Paul Spagnol, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 224267(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2004, kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja, jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifatura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur ta' regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi,

Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 t' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputat Paul Spagnol ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u konsegwentement ikkundanatu għall-piena ta' priġunerija effettiva għall-perijodu ta' disa' xhur kif ukoll għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien sena mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi. Illi, *in oltre*, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-imputat Paul Spagnol sabiex iħallas l-ispejjes konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni fi zmien sena mid-data tas-sentenza. Fl-aħħarnett, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċes-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tvarja u tbiddel is-sentenza in kwistjoni skond il-Liġi billi:

i. Preliminarjament tordna l-isfliz ta' Dok. NC mill-atti proċesswali, u dan għar-raġunijiet kif spjegati fl-ewwel aggravju ta' dan l-umli appell u dak kollu li ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dan l-istess appell;
ii. Mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu li l-appellant ġie misjub ħati għall-unika imputazzjoni kif dedotta kontrih u tgħaddi sabiex tillibera lill-appellant mill-unika imputazzjoni kif dedotta kontrih;
iii. Mingħajr preġudizzju għat-talbiet suesposti, u dan jekk kemm il-darba it-tieni talba ma tiġix milqugħa, tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu li l-appellant ġie kkundannat għal tmien xhur priġunerija effettivi, u minflok, in vista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq f'dan l-umli appell, tgħaddi biex tinfliġġi piena iktar miti skond il-Liġi li tirrifletti

> ċ-ċirkostanzi prevalenti tal-każ innifsu u ta' dawk personali tal-appellant, u dan fl-aqwa interess mhux biss tal-appellant iżda ukoll fl-aqwa interessi tal-ġustizzja u tas-soċjeta' nnifisha.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju vventilat mill-appellant huwa jilmenta min-nuqqas ta'l-Ewwel Qorti li tordna l-isfilz ta'l-istqarrija minnu rilaxxata lill-investigaturi wara l-arrest tiegħu lura fit-08 ta' Diċembru 2004. Dan għaliex fiż-żmien li kienet rilaxxata din l-istqarrija ma ngħatawlux id-drittijiet l-aktar baziċi li wieħed għandu jkun akkordat fil-proċess ta' investigazzjoni li jista' jwassal għall-proċeduri kriminali.

Illi l-Qorti mill-ewwel tistqarr illi dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u huwa mingħajr ebda bażi. Dan għaliex l-Ewwel Qorti għamlet eżami *funditus* tal-ġurispridenza li tirregola l-materja tal-valur probatorju ta' stqarrijiet li ittieħdu mingħajr assistenza legali, u allura fiż-żmien meta l-appellant irrilaxxa l-istqarrija tiegħu meta l-liġi viġenti f'dak ma kenitx tagħti dan il-jedd lil persuna interrogata. Qalet hekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha:

> **"Għaldaqstant dina l-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tal-provi miġbura u l-ġurisprudenza riċenti relatata mal-valur probatorju li hija għandha tagħti l-istqarrija meħuda f'ċirkostanzi simili għal dawk tal-każ odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analiżi tal-*overall fairness* tal-proċeduri, ma hijiex tal-fehma li jkun opportun li tistrieħ fuq l-istqarrija sabiex tistabbilixxi r-reita' o meno tal-imputat għall-imputazzjonijiet odjerni u għaldaqstant <u>ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istess stqarrija</u>." (sottolinjar ta' din il-Qorti).**

Illi l-Qorti m'għandha għalfejn iżżid xejn aktar ma l-espożizzjoni erudita magħmula mill-Ewwel Qorti tal-ġurisprdenza regolanti il-materja tal-ammissibbilita' tal-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-persuna akkużata, u l-konklużjoni minnha milħuqa fir-rigward. Ġaldarba l-Ewwel Qorti skartat u warrbet dina l-prova meta ġiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu, kwindi l-ilment tal-appellant huwa fieragħ u superfluwu u għalhekk dan l-ewwel aggravju qed ikun respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi it-tieni aggravju mressaq mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fejn huwa jilmenta li fir-rigward tal-imputazzjoni unika miġjuba kontra tiegħu konċernanti ir-reat tal-pussess aggravat ta' droga, l-element tal-ispaċċ ma ġiex ippruvat u għaldaqstant huwa ma kellu qatt jinstab ħati tal-istess imputazzjoni dedotta kontrih.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament ta'l-provi kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Issa jibda biex jingħad illi fir-rigward tar-reat dwar il-pussess aggravat tad-droga, jew il-pussess ta' droga ndikattiva li dan il-pusses ma huwiex għall-użu personali, aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

iċ-ċirksotanzi kollha tal-każ u x'inferenza tista' issir mill-istess li għandha tiggwida lill-ġudikant, ikun x'ikun l-ammont, kwalita' jew kwantita' ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiġġudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva, madanakollu mhux din iċ-ċirkostanza biss tipponta lejn il-pussess aggravat. Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-*UN Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs* jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

> *"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**."*

Illi *di piu'* fir-rigward tal-element ta'l-ispaċċ kien hekk deċiż fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta f'każ analogu fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jason Mallia":

> **"Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-animus li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv talpussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bilkelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li lpussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".**

Dan ifisser illi dak li għandha tipprova il-Prosekuzzjoni huwa illi mill-fatti tal-każ irid jemerġi illi l-pussess tad-droga misjuba għand il-ġudikabbli ma huwiex tali li wieħed jassoċċjah mal-użu personali.

Illi kien għalhekk deċiż ukoll illi:

> "..... **l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz**

**tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101**"[2].

Illi minn eżami akkurat tal-atti jemerġu s-segwenti fatti probatorji. L-appellant kien misjub fil-pussess ta' droga erojina li kienet maqsuma f' disa' (9) boroz zgħar ta' *presso poco* l-istess piż il-waħda. Il-mod, għalhekk, kif kienet maqsuma din id-droga hija diġa' fiha innifisha ndikattiva li din ma kenitx għall-użu personali billi in-numru ta' boroz ma kienx wieħed żgħir. L-appellant f'dik il-lejla kien interċettat mill-pulizija ġewwa it-*Tiger Bar* fil-Marsa b'dawn il-boroż tad-droga u hekk kif lemaħ lill-pulizija ħarab minn fuq il-post u ġie nnotat qed jarmi din is-sustanza. Il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant meta huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti, dwar kif ġie fil-pussess ta' din id-droga, imbagħad, hija waħda inverosimili għall-aħħar. Huwa jisħaq li ra lil terza persuna tieqaf b'vettura u taħbi xi ħaġa u kien mar jara x'inhi u meta għamel hekk induna li kienet droga u kien żammha għalih. Illi anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha temmen lill-appellant dwar iċ-ċirkostanzi li fihom ġie fil-pussess tad-droga, dan il-fatt ukoll jindika x'kienet l-intenzjoni tiegħu, tenut kont illi mill-provi, u ċioe' kemm mix-xiehda stess tal-appellant kif ukoll mir-rapport tal-espert Dr. Roberta Holland, rriżulta illi għalkemm l-appellant kien bniedem li għamel perijodu dipendenti fuq id-droga, madanakollu fil-perijodu taż-żmien indikat fl-imputazzjoni huwa ma kienx qed jabbuża mid-droga u għalhekk ma kienx dipendenti fuq l-istess. Fil-fatt it-talba minnu magħmula quddiem l-Ewwel Qorti sabiex din tikkonverti ruħha f' Qorti dwar id-Droga fit-termini ta'l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kienet miċħuda appuntu minħabba f'din ir-raġuni. Żgur għalhekk illi l-appellant ma kienx ser jikkonsma l-ammont ta' kważi erba' grammi erojina maqsuma f'disa' pakketti f'lejla waħda meta kien interċettat mill-pulizija ġewwa it-*Tiger Bar*. Dan kollu jkompli jsaħħaħ it-tezi tal-Prosekuzzjoni li filfatt id-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-appellant ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

[2] "Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi" tas-17 ta' Frar 1997

Illi allura l-Ewwel Qorti sewwa għamlet meta minn eżami taċ-ċirkostanzi tal-każ, bid-diskrezzjoni fdata lilha bil-liġi, waslet għal konkluzjoni illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellant ma kenitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Ghaldaqstant dan l-aggravvju ukoll qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-gravam rimanenti imqanqal mill-appellant jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' disa' xhur priġunerija kif ukoll multa ta' elf Ewro flimkien mal-kundanna għal ħlas ta'l-ispejjez peritali konnessi mal-ħatra tal-esperti. L-appellant jilmenta li tali piena mposta fuqu kienet waħda ħarxa iżżejjed u dana meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi soċjali u legali tiegħu kif ukoll il-fatt li llum 'l-ġurnata huwa għamel progress sostanzjali f'ħajtu. *In oltre*, l-appellant jilmenta ukoll li ġaladarba l-ammont ta' l-ispejjez peritali ma ġie qatt speċifikat, allura huwa m'għandux iħallas l-istess.

Illi ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[3] .

Illi huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi u tqarreb lejn il-minimu. Illi imbagħad minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali piuttost refrattarja tal-appellant, jirriżultaw kundanni preċedenti relatati mar-reati ta' serq, riċettazzjoni u pussess aggravat ta' droga, fost offiżi oħra inklużi dawk fuq il-persuna. Illi f'dan l-istadju ta' reviżjoni l-appellant lanqas ma jressaq ebda raġuni valida li tista' twassalha sabiex tiskossa id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta ġiet biex tikkalibra l-piena li tista' twassal għal xi mitigazzjoni fl-istess.

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi finalment l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-ammont ta' spejjez peritali ma ġiex indikat fis-sentenza appellata u għalhekk għal din ir-raġuni iqies illi din il-kundanna għandha tkun revokata. L-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi:–

> **"Meta l-kawża ssir mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u <u>f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni</u>. (sottolinear tal-Qorti)"**

Issa għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma speċifikatx l-ammont li l-appellant kien qed jiġi kkundannat iħallas, madanakollu minn eżami tal-atti dawn huma faċilment identifikabbli bħala is-segwenti

- Spizjar Mario Mifsud - Lm 103.55 ekwivalenti għal €241.27
- PC 239 & PC 1253 - Lm18.50 ekwivalenti għal €43.10
- Dr Roberta Holland - €356.78

Għalhekk l-ammont totali tal-ispejjez peritali li l-appellant għandu jħallas huwa dak ta' €641.15 Fuq kollox l-artikolu 533 hawn fuq iċċitat jagħti is-setgħa lil Qorti illi il-kundanna għal ħlas tal-ispejjez peritali issir anke b'ordni magħmula wara li tingħata s-sentenza.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-ammont ta'l-ispejjez peritali li l-appellant għandu iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti bis-saħħa tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jlaħħaq l-ammont ta' €641.15.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**